

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/690

tal-4 ta' Mejju 2016

li jimplimenta l-Artikolu 21(1) u 21(5) tar-Regolament (UE) 2016/44 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 21(1) u 21(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.
- (2) Fis-27 ta' April 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1970 (2011), żied bastiment wieħed mal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Fl-1 ta' April 2016, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont UNSCR 1970 (2011) aġġorna l-informazzjoni ta' identifikazzjoni relattiva għal tliet persuni soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (4) L-Annessi II u V għar-Regolament (UE) 2016/44 għalhekk għandhom jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u V għar-Regolament (UE) 2016/44 huma b'dan emendati kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 12, 19.1.2016, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
A.G. KOENDERS

---

## ANNEX

- (I) Il-bastiment elenkat hawn taħt jizzied mal-lista ta' bastimenti soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness V għar-Regolament (UE) 2016/44.

## B. Entitajiet

1. **Isem** DISTYA AMEYA

**magħruf ukoll bħala:** KASSOS **qabel magħruf bħala:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 27 ta' April 2016

**Informazzjoni addizzjonali:**

OMI: 9077343 Elenkat skont il-paragrafi 10(a) u 10(b) tar-Riżoluzzjoni 2146 (projbizzjoni fuq it-tagħbija, it-trasport jew il-ħatt; projbizzjoni li jidħol fil-portijiet). Skont il-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2146 (2014), din l-inklużjoni hija valida mis-27 ta' April sas-26 ta' Lulju 2016, sakemm ma tintemmx qabel mill-Kumitat skont il-paragrafu 12 tar-Riżoluzzjoni 2146 (2014). Piż mejjet (deadweight): 95 420 Stat tal-Bandiera: Indja. Il-bastiment jista' jkun li nbiegħ reċentement lil xerrej mhux magħruf u l-isem tal-bastiment jista' jkun li nbidel għal Kassos. Mis-26 ta' April 2016, il-bastiment kien fit-tramuntana ta' Al-Bayda, il-Libja, fi triqtu lejn Malta.

- (II) L-entrati għall-persuni elenkati hawn taħt għandhom jissostitwixxu l-entrati għalihom li jinsabu fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/44

## A. Persuni

14. **Isem** MUTASSIM QADHAFI

**Titlu:** mhux disponibbli **Inklużjoni fil-lista:** Konsulent Nazzjonali tas-Sigurtà **Data tat-twelid:** 1976 **Post tat-twelid:** Tripli, il-Libja **Pseudonimu affidabbli:** ALMUATESEM BELLAH MUAMMER QADHAFI; MUATASSIM BILLAH ABUMINYAR QADHAFI; **Pseudonimu inqas affidabbli:** MOATASSAM; MUATASMBLLA; MUATASIMBLLAH; **Nazzjonalità:** mhux disponibbli **Nru tal-passaport:** PASSAPORT LIBJAN Nru B/001897 **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-Riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi). Status/post preżunt: deċedut. Allegatament miet f'Sirte, il-Libja, fl-20 ta' Ottubru 2011.

**Informazzjoni addizzjonali**

Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Elenkat skont il-paragrafi 15 u 17 tar-Riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi).

19. **Isem** SAFIA FARKASH AL-BARASSI

**Titlu:** mhux disponibbli **Inklużjoni fil-lista:** mhux disponibbli **Data tat-twelid:** mhux disponibbli **Post tat-twelid:** Al Bayda, il-Libja **Pseudonimu affidabbli:** Safia Farkash Mohammed Al-Hadad, imwiela fl-1 ta' Jannar 1953 (Nru tal-passaport tal-Oman 03825239) **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-passaport:** 03825239 **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** Nru tal-IDENTITÀ TAL-OMAN 98606491; **Indirizz:** Is-Sultanat tal-Oman; Post preżunt — l-Eġittu **Elenkata fi:** 24 ta' Ġunju 2011 **Informazzjoni oħra:** Elenkata skont il-paragrafu 15 tar-Riżoluzzjoni 1970 u l-paragrafu 19 tar-Riżoluzzjoni 1973 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar, Iffriżar tal-Assi).

**Informazzjoni addizzjonali**

Ġid personali sinifikanti, li jista' jintuża għall-finijiet tar-reġim. Oħtha Fatima FARKASH hija miżżewġa lil ABDALLAH SANUSSI, kap tal-intelligence militari Libjana.